MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 583/2008

**Calcedonio (ID802355M) u**
**Maria Stella (ID754256M) konjugi Vella**
**vs**
**Arredando Ltd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-atturi fil-5 ta’ Gunju, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi is-socjeta konvenuta forniet u ssuppliet lill-atturi kwantita’ ta’ materjal konsistenti principalment f’irham;

Illi wara li tqieghed l-irham irrizulta illi dan kien difettuz u in effetti kien hemm difett latent fih konsistenti f’hafna tbajja skuri;

Illi minhabba fil-premess konsegwentement l-attur sofra anke danni konsegwenzjali konsistenti fil-fatt illi huwa hallas inutilment ghat-tqeghid u l-ghorik ta’ l-irham;

Talbu li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tiddikjara illi l-irham kellu difett latent u dan occorre bl-opera ta’ periti nominandi;

2. tiddikajra xolt il-kuntratt ta’ bejgh ta’ l-imsemmi irham,

3. tordna lis-socjeta’ konvenuta tirrifondi lura is-somma mhallsa fl-ammont ta 10,2306 ewro ekwivalenti ghal LM4392;

4. tiddikjara li a kawza ta’ dak premess fic-citazzjoni ir-rikorrenti sofrew danni konsegwenzjali;

5. tillikwida id-danni sofferti;

6. tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas id-danni hekk likwidati;

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta’ konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi in linea preliminarja, l-inkompetenza ta’ din il-Qorti, ratione valoris u dana stante illi l-ammont pretiz mill-atturi u mitlub fir-rikors guramentat ma jissuperax is-somma rikjesta mill-ligi sabiex l-Qorti tkun tista tisma’ u tiddeciedi l-kawza odjerna;

2. Illi in oltre u in linea preliminarja, il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici ai termini tal-Artikoli 2148(a) u (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ta’ l-Artikoli 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-

atturi, u dana stante illi s-socjeta' konvenuta kienet biss responsabbli ghall-bejgh tal-materjal de quo, u jekk ix-xogholijiet ta' tqieghid tal-madum imsemmi ma sarx skond is-sengha u l-arti, dak ghandu jirrispondi ghalih min gie mqabbad mill-atturi biex jesegwixxa x-xogholijiet in kwistjoni;

4. Illi s-socjeta' attrici ma tistax tinzamm responsabbli ghal difetti latenti meta dawn gew ikkawzati minn terzi mqabbda mill-atturi.

5. Illi l-materjal in kwistjoni gie kkonsenjat u accettat mill-atturi illi ispezzjonaw il-merkanzija konsenjata;

6. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont kif mitlub huwa eccessiv u ma jirrispekkjax il-valur tal-madum in kwistjoni illi fuqu hemm allegazzjonijiet; del resto kontestati;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' Arredano Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tal-15 ta' Ottubru 2009 li permezz tieghu irtirat it-tieni eccezzjoni taghha in konnessjoni mal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini

tal-Artikolu 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza preliminari dwar l-ecccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 1424 tal-Kap. 16 jghid hekk :

"Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom."

L-Artikolu 1425 jghid hekk :

"Il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu."

L-Artikolu 1431 jghid hekk :

"(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna talħaġa mibjugħa.

(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett."

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti rat il-fattura datata 19 ta' Settembru 2006 li tinsab esebita a fol. 4 tal-process.

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xiehda ta' Carlo Salamone a fol. 25 tal-process fejn qal "il-materjali ahna fornejnieh fi Frar

2006. Nghid li madwar sena wara gew jghidulna b'din il-problema, wara li huma stallaw il-madum fil-fond taghhom." Carlo Salamone xehed illi l-ewwel darba li sar jaf b'xi difett kien meta ircieva l-ittra li tinsab esebita bhala Dok C2 a fol. 29 tal-process, liema ittra ma hijiex ittra ufficjali u ghalhekk ma twaqqafx il-preskrizzjoni.

Illi l-attrici giet mistoqsija in kontro-ezami "issa, inti tikkonferma kif ghadek kif ghidt issa li mill-ewwel indunajt li l-kuluri kienu differenti hux hekk?" u hi wiegbet "mill-ewwel gbidtlu l-attenzjoni u ghedtilhom, dawn lest overs ghax wahda mhux bhal l-ohra." A fol. 45 tal-process umbaghad l-attrici xehdet illi l-ordni ghamluha lejn l-ahhar ta' Mejju jew fil-bidu ta' Gunju u xehdet illi ix-xoghol mal-ewwel waslilhom.

Illi l-Qorti rat il-kwotazzjoni esebita a fol. 28 tal-process datata 18 ta' Ottubru 2005 u il-fattura esebita a fol. 4 tal-process datata 19 ta' Settembru 2006.

Illi l-kawza odjerna giet ipprezentata fil-5 ta' Gunju 2008, u ghalhekk anke li kieku il-Qorti tiehu bhala d-data meta hareg id-difett bhala d-data meta saret il-konsenja, u cioe Frar 2006, u dana peress illi x-xiehda ta' Carlo Salamone u dik tal-attrici taqbel fir-rigward ta' dan il-perjodu, peress illi l-kawza giet ipprezentata fil-5 ta' Gunju 2008, il-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 16.

Illi wkoll ghall-finijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, il-kawza hija wkoll preskritta, peress illi s-sentejn imsemmija f'dak l-artikolu bhala l-perjodu ta' preskrizzjoni ghaddew.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat ukoll is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Lawrence Formosa f'ismu propju u ghan-nom ta' Formosa Associates Limited vs Wines Holdings et deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 2010 fejn il-Qorti qalet :

"Illi din is-socjeta' kif gia inghad, giet imsejha fil-kawza fit-2 ta' Lulju 2002, u kwindi hija din id-data li ghandha tigi kunsidrata li waqqfet il-perjodu preskrittiv li kien ghaddej u

dan skond kif huwa pacifikament rkonoxxut mill-gurisprudenza taghna. Infatti peress li fil-konfront ta' konvenut, il-preskrizzjoni tieqaf ghaddejja hekk kif appena tigi intavolata il-kawza, huwa logiku li fil-konfront tal-imsejjah fil-kawza, il-waqt rilevanti huwa d-data tad-digriet illi permezz tieghu hu jiddahhal fil-kawza u allura jiehu posizzjoni ta' konvenut. Dan in linea mal-insenjament ta' Laurent : La domanda giudizialie e' quell ache interrompe la prescrizione …. l'effetto interruttivo dura quanto dura l'istanza stessa …. (Vol. XXX11 paragrafu 182) dan huwa spjegat in funditus fis-sentenza fl-ismijiet "Ellul Sullivan vs Dimech" deciza fit-13 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell.

Illi l-Artikolu 2153 imsemmi mis-socjeta' imsemmija jindika t-terminu ta' sentejn ghall-azzjonijiet fejn jintalbu danni li ma jirrizultawx minn reat. Ghalhekk il-Qorti trid tara meta gew kagunati d-danni reklamati mis-socjeta' attrici.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 1431 il-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Doris Giordimaina vs Oxford Mobbli Ltd fejn il-Qorti qalet :

"Illi l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili ighid illi l-azzjoni redibitorja jew dik stimatorja taqa' bil-preskrizzjoni, fil-kaz ta' mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha, dejjem jekk din il-preskrizzjoni kienet dik idoneja ghall-fattispeci u l-kwestjoni verament kienet taggira fuq id-difett redibitorju, kien jaggrava fuq is-socjeta` appellanti illi tipprova, fil-minimu, illi z-zmien fuq imsemmi ta' sitt xhur iddekorra. Din hi prova ferm importanti ghaliex fil-kaz ta' din ix-xorta ta' azzjoni l-ligi ma torbotx it-trapass taz-zmien "minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata" (Artikolu 2137, Kodici Civili) izda taghmel dan id-dekors "minn dakinhar li seta' jkun li hu (ix-xerrej) jikxef dak id-difett" (subinciz 2 ta' l-artikolu 1431). Vide "Joseph Zerafa et -vs- Saviour Delia et", Appell, 4 ta' Gunju, 1997 u, b' aktar approfondiment, "Carmelo Dimech -vs- Francis Xuereb et", Appell, 15 ta' Dicembru, 1997);

L-Artikolu 1481, Kodici Civili (illum Artikolu 1431) espressament isemmi preskrizzjoni tant fil-korp tieghu kemm fit-titolu marginali.” (“Carmelo Caruana et nomine -vs- Salvatore Farrugia”, Appell Civili, 1 ta’ Awissu, 1966).”

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta u tiddikjara illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 u l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------